

31991R2988

12.10.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 284/26

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2988/91
tal-11 ta' Ottubru 1991**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1538/91 li jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni
tar-Regolament (KEE) Nru 1906/90 dwar ċerti standards ta' marketing tal-laħam tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 1538/91 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 15

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1906/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti *standards* ta' *marketing* tal-laħam tat-tjur ⁽¹⁾ u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 1991.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1991.

Billi Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1538/91 ⁽²⁾ jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-klassifikazzjoni mhux obbligatorja ta' laħam tat-tjur friżat, skond il-kategoriji tal-piż; billi l-applikazzjoni immedjata ta' dawn id-dispożizzjonijiet kienet ta' impediment għal importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' laħam tat-tjur ippakkjat qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-imsemmi Regolament; billi l-applikazzjoni ta' Artikolu 8 tiegħu għandha għalhekk tkun posposta għall-1 ta' Marzu 1992;

Artikolu 8 għandu japplika mill-1 ta' Marzu 1992 fil-każ ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi.

Madankollu, sal-31 ta' Diċembru 1991, l-operaturi jistgħu jippakkjaw il-prodotti koperti b'dan ir-Regolament f'materjal tal-ippakkjar li juri l-indikazzjonijiet li għalihom hemm provdut fil-leġislazzjoni nazzjonali jew tal-Komunità applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Dawn il-prodotti jistgħu imbagħad jitpoġġew fis-suq sal-31 ta' Diċembru 1992".

Artikolu 2

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tat-Tjur u Bajd għadu ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien kif impost mill-President,

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Ottubru 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 143, tas-7.6.1991, p. 11.